MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Numru. 717/2002

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR STEPHEN MALLIA**
**SPETTUR CHRISTOPHER PULLICINO**

**KONTRA**

**ANTHONY RAPA, iben Joseph u Rosaria nee' Zammit, imwieled San Pawl il-Bahar nhar l-4 ta' April, 1969, residenti fil-fond Marusca Flats, Flat 7, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' numru 150769M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Anthony Rapa** li gie akkuzat talli:

F’xi hin matul il-lejl ta’ bejn is-27 u t-28 ta’ Gunju, 2002, f’San Giljan, ikkommetta serq ta’ zewg jet skis tal-marka Yamaha, mill-port tal-kumpless Portomaso, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, lok, mezz, valur u xorta l-haga misruqa ghad-detriment ta’ Stephen Micallef u persuni ohra;

U aktar talli nhar id-29 ta’ Awwissu, u fit-tlitt xhur ta’ qabel, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara f’zewg jet skis liema hsara ghal aktar minn Lm500.00, ghad-dannu ta’ Stephen Micallef u persuni ohra;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal set ta’ numri foloz (S-13576) fuq l-imsemmija jet ski tal-ghamla Yamaha (numru ta’ registrazzjoni S-14325);

U aktar talli fil-granet ta’ qabel id-29 ta’ Awwissu, 2002, volontarjament ta n-nar lil bini, gharix, mahzen, hanut, dar ta’ abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini iehor, izda meta fil-waqt ma kien hemm ebda persuna hemm gewwa, u dan il-bini, gharix, mahzen, hanut, dar ta’ abitazzjoni, bastiment, bacil jew bini, kien qieghed b’mod li ma setax inqabad hruq f’bini iehor, gharix jew lok iehor, fejn waqt il-hruq kien hemm xi persuna hemm gewwa u dan bi ksur tal-Artikolu 318 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli kkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza, liema sentenza hija definittiva u datata 27 ta’ Settembru, 2009, moghtija lilu mill-Magistrat Dr Noel Cuschieri;

U aktar talli f'dawn l-ahhar xhur, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u cioe':

Talli ghamel uzu mill-imsemmi jet ski (S-14325) meta dan ma kinx kopert b'licenzja mahruga mill-Awtorita' Marittima u meta ma kinx kopert b'polza tal-assigurazzjoni;

U aktar talli ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel il-hull number tal-jet ski tal-ghamla Yamaha (numru tar-registrazzjoni S-14325);

U aktar talli ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi uza set ta' numri ta' registrazzjoni foloz (S-13576);

U fl-ahharnett talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, diversament preseduti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li moqrija l-akkuzi, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':

a. Fl-Artikoli 261(b)(c)(e)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 271, 278, 279, 280, u 281 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
c. Fl-Artikolu 325 tal-Kodici Kriminali;
d. Fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali;
e. Fl-Artikolu 316(b) tal-Kodici Kriminali;
f. Fl-Artikolu 318 tal-Kodici Kriminali;
g. Fl-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u fir-Regolamenti 3, 5 u 29 tar-Regolamenti dwar Bastimenti Zghar (A.L. 129/2001);
h. Fl-Artikoli 18, 167, u 169 tal-Kodici Kriminali;
i. Fl-Artikoli 18, 183, u 184 tal-Kodici Kriminali;
j. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali;

k. Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat irregistra in-nuqqas ta' oggezzjoni tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat il-provi prodotti.

Xehed l-Ispettur Chris Pullicino dwar is-serqa ta' zewg jet skis – wiehed two u l-iehor three seater, minghand certu Stephen Micallef. Fuq informazzjoni anonima saret search minnhom b'garaxx numru 2, Triq Sant'Aristalcus, San Pawl il-Bahar, li kien jghajjat lill-imputat. Saret Inkjesta u xehed ghalhekk li nstabu f'dan il-garaxx karozza u jet ski li gie anke fotografat.

Minn ricerka li saret mill-pulizija rrizultalhom illi n-numri li sabu fuq dan il-jet ski gol-garaxx, cioe' S-13576, kien jappartjeni lil jet ski tat-tip Yamaha li kien jghajjat lil certu Manuel Galea mir-Rabat. Dan il-jet ski tal-ahhar kien ghat-tiswija ghand certu Gilbert Bugeja li ghalhekk gie mitkellem ukoll. Aktar tard gew anke nfurmati u nstab jet ski mahruq, li fuqu rega' tahom informazzjoni Gilbert Bugeja.

L-Ispettur Chris Pullicino xehed ukoll dwar dak li gie kkonstatat fuq il-jet ski misjub gewwa l-garaxx ta' San Pawl il-Bahar, u cioe' li kellu mwahhal frisk (bil-viti) numru li kien jaqra mod cioe' YAMA40231900, mentri taht is-seat kellu numru iehor li kien jaqra YAMA3197F000 cioe' n-numru ta' wiehed mill-jet skis misruqa minn Portomaso. L-istess derbubat Micallef ikkonferma li dak fil-fatt kien il-jet ski misruq.

Ezebixxa wkoll stqarrija tal-imputat Anthony Rapa.

Minn naha tieghu l-Ispettur Stephen Mallia, ukoll xehed dwar is-serqa, cioe' li anke hu flimkien mal-esperti mahtura fl-Inkjesta kien fil-garage meta nstab il-jet ski. Qal illi l-garaxx kien fethu l-imputat b'cavetta tieghu.

Id-derubat Stephen Micallef xehed illi kellu zewg jet skis li kien izommhom f'Portomaso, kienu tal-marka Yamaha, wiehed two seater 1200XL u l-iehor three seater, li kien xtrahom Lm4,500.00-il wiehed. Qal illi kien hallihom it-tnejn Portomaso marbutin gewwa floating pontoon u kienu marbutin bi ktajjen u katnazz. Qal illi hu ra l-katina maqtugha, maghfusa b'cutter. Qal illi rega' ra t-two seater gewwa d-Depot, kien idenfitikah miz-zebgha li kien zebghu hu stess taht il-grill b'anti-fouling, spjega li hu kellu passata hadra u zewg passati suwed Velox, bl-jet b'kollox. Spjega anke li l-hood tieghu kienu sprejawhielu silver.

Dwar it-three seater qal illi gie muri xi bicciet li kienu allegatament tieghu, pero ma kinx individwalizzahom. In kontro ezami kkonferma li l-jet ski rekuperat ma kellux hsara fih, pero kellu kuluru mibdul.

Ezebixxa wkoll id-dokument taz-zewg jet skis minnu akkwistati, il-poloz u r-registrazzjoni mal-Awtorita' Marittima taghhom (folio 45 – 48).

Gilbert Bugeja xehed illi parti minn xogholu kien li jsewwi jet skis, mechanic taghhom. Qal illi lill-imputat kien jafu anke ghax iltaqa' mieghu hdejn il-garaxx tieghu, fejn hawn kien qieghed itella' jet ski Yamaha ta' kulur blu. Qal illi mar il-garaxx ghandu biex ibieghlu sett twapet hydrolife li jehlu fuq il-jet ski. Gie muri ritratti ta' jet ski tad-ditta Yamaha Riva li hu gharaf bhala dak li kien ikun ghand Antoine Rapa. Dwar il-karru li nstab, xehed illi dak kien tieghu u kien silfu lill-imputat. Qal illi hu lil Rapa kien ghamillu xoghol, kien zarmalu mutur ta' Yamaha three seater jet ski. Qal illi hadu lura kif zarmat.

Dwar parts li gie muri d-Depot, wiegeb illi dawn kienu jehlu fuq Yamaha 1200 tal-1999. Ma kinx kapaci jidentifika l-karkassa tat-three seater mahruq jekk kinx l-istess li hu kien zarma.

Benny Gauci xehed illi kien sprayer tal-karozzi. Xehed illi kien sprejja anke jet ski li kien ta' certu Tony Rapa li hu gharaf bhala l-imputat. Sprejah blu u abjad. Qal illi sprejja

l-jet ski kollu hlief wara fejn kien hemm il-magna gewwa. Qal illi Rapa kien talbu biex iraqqu.

David Camilleri xehed illi kien jahdem ma’ Benny Gauci fuq xoghol ta’ spray. Xehed illi kienu sprejjaw jet ski tat-tip Yamaha li kien abjad bis-silver u gabuh blu. Qal illi l-ewwel kien ser jigi rtukkjat, pero ghax ix-xoghol ma kinx ser jigi pulit, sprejjawh kollu.

Victor Mifsud ukoll ikkonferma li kien jahdem fil-garage ta’ Benny Gauci fuq xoghol ta’ spray. Xehed illi kienu hadmu fuq jet ski Yamaha li sprejjawh blu. Ikkonferma li kien l-imputat li kien gab dan il-jet ski gol-garaxx.

Emmanuel Galea xehed illi huwa kellu jet ski Yamaha 1200 bin-numru S13576. Ikkonferma l-polza tieghu ezebita bhala Dok CP2. Qal illi l-jet ski tieghu kien ghamel zmien ghand mechanic gewwa Bugibba ghax kellu l-hsara.

Joseph Zammit, espert imqabbad fl-Inkjesta dwar hruq ta’ bicca tal-bahar, xehed illi din kienet mahruqa totalment, stabilixxa li kienet tal-marka Yamaha mudell GPR three seater.

PS 985 Stephen Pace xehed dwar is-search li saret gewwa garaxx sitwat f’San Pawl il-Bahar, fejn instab jet ski ta’ kulur blu u abjad. Xehed illi kien l-imputat li kien fetah il-garaxx in kwistjoni. Dan xehdu anke PS 620 Stephen Barnes, ikkonferma li r-registrazzjoni li nstabet fuq il-jet ski misjuba ghand Rapa kienet falza.

Sandro Mizzi f’isem il-Maritime Authority ikkonferma li l-jet ski bin-numru S-13576 f’Marzu 2002 gie trasferit fuq Emanuel Galea mill-Hamrun, ezebixxa Dok M folio 371 f’dan ir-rigward.

Emmanuel Galea minn naha tieghu xehed illi dan il-jet ski kien ghand il-mechanic li jismu Gilbert. Ikkonferma li kellu numru S-13576.

David Azzopardi, Harbour Master, Portomaso, qal illi fil-gurnata tat-28 kien induna li l-jet skis ma kinux posthom u kien ghalhekk cempel lil Stephen Micallef biex jistaqsih jekk kinx hareg bihom - dan wiegbu fin-negattiv. Ikkonferma li kien ra l-katina taghhom imdendla.

Minn naha tieghu Stephen James Camilleri bhala security gewwa Portomaso, ikkonferma l-presenza tal-jet skis sas-1.00am u anke li kienu mtellghin fuq qisha rampa marbutin b’katnazz jew cima.

Paul Ebejer ikkonferma li hu kien ghamel xoghol fuq jet ski Yamaha GP1200 li kien zebah anti-fouling stante, li sidu Stephen Micallef kien izommu l-hin kollu fil-bahar. Ghalih Stephen Micallef kien il-persuna li kien qed jiddilja mieghu fuq dan il-jet ski. Ikkonferma li wiehed mill-jet skis li nsteraq, mhux dak li ghamel ix-xohgol fuqu, kien xtrah minghandu. Qal fil-konfront tal-jet ski li ra d-Depot, ghalhekk dak li kien ghamel ix-xoghol fuqu, illi dan kien jistartja biss bi switch billi tigbed buttuna ‘l barra.

Paul Galea, sign writer, xehed illi kien mar ghandu Antoine Rapa biex jaghmillu xi stickers fuq jet ski. Xehed illi dan kien ta’ kulur blu. Xehed ukoll illi kien qallu li kellu spray frisk. Identifika, muri ritratti formanti parti mir-relazzjoni ta’ PS 173 Mangion, l-stickers li wahhal fuq il-jet ski fuq struzzjoni tal-imputat.

John Farrugia, amministtratur tar-registrazzjonijiet tad-dghajjes zghar, ikkonferma li zewg jet skis bin-numru tar-registrazzjoni S14325 u S14594 kienu fiz-zmien, it-tnejn registrati fuq Stephen Micallef, Dok F folio 333.

Emmanuel Galea rega’ xehed u kkonferma li hu kien ta jet ski biex tissewwa lil certu Gilbert Bugeja, kellu jarmalu l-magna biex jigri aktar. Ikkonferma li l-jet ski tieghu kien three seater, u li kuluru kien abjad fil-cream bil-wicc ahdar metallic skur. Hallas bil-quddiem, pero l-jet ski baqa’ ghand dan Gilbert. Qal illi hallsu bil-quddiem ghax Gilbert ried jordna xoghol minn barra. Qal illi fi zmien li kien ikkonsenja l-jet ski tieghu lil Gilbert, lill-imputat ma kinx jafu.

Giet ezebita wkoll l-istqarrija tal-imputat, fejn fiha kif kien drittu, ghazel illi ma jwiegeb ghal xejn.

Ikkunsidrat:

Bla dubbju ta’ xejn gie ppruvat illi nsterqu zewg jet skis minn Portomaso, proprjeta’ ta’ Stephen Micallef. Gie misjub wiehed minnhom fil-pussess tal-imputat, f’garaxx li kien fil-pussess tieghu, anke ghaliex kellu c-cavetta ghall-istess. Il-jet ski misjub kellu alterazzjonijiet ta’ kulur u stickers kommissjonati mill-istess imputat, b’numru ta’ jet ski iehor fuqu, proprjeta’ ta’ Emmanuel Galea, li wkoll kien halla l-jet ski tieghu ghand l-istess mechanic Gilbert Bugeja.

Illi kien ghalhekk l-imputat li ried akkost ta’ kollox jibdel ix-xbiegha tal-jet ski misruq minn Portomaso.

Instab jet ski iehor mahruq li pero ma giex identifikat bhala t-tieni jet ski misruq appartenenti lil Stephen Micallef.

Illi certament din il-Qorti ma tistax tasal biex issib htija la tas-serq taz-zewg jet skis u lanqas tal-hsara li sofra l-jet ski mahruq. Terga’ u tghid, Stephen Micallef xehed dwar il-jet ski rekuperat li dan ma sofra ebda hsara. Lanqas ma tista’ ssib htija fil-konfront tal-hruq tat-tieni jet ski, ghax xejn ma jorbot mill-provi migjuba lill-imputat ma’ dawn ir-reati. Lanqas ma jirrizulta li Rapa pprezenta jew iffalsifika dokument falz jew ghamel xi falsifikazzjoni hu ai termini tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew uza xi att, kitba jew dokument hekk falsifikat ai termini tal-Artikolu 184 tal-imsemmi Kapitolu, jew li jista’ jinstab hati tar-reati kkontemplati fl-Artikoli 167 u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi pero, in kwantu ghall-mod u ftehim kif ikkommissjona li jigi alterat il-jet ski misjub, ghandu dan ma jhalli ebda dubju li dan kien ben konsapevoli li l-provenjenza tieghu ma kinitx sewwa, ghaldaqstant qieghda ssib htija ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali aggornata (mitluba mill-Qorti), qieset illi saret il-prova tar-recidiva, ghalhekk rat ukoll l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja effettiva ta' sena u nofs;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghall-hlas tal-ispejjez peritali ammontanti ghal €381.82

Tilliberah mill-kumplament tar-reati kollha lilu addebitati fl-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, in kwantu mhumix pruvati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------